Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Numru. 396/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel zammit)**

**Vs**

**Sonia Bajada ta' 40 sena, bint Ronald u Maria nee Gallo, imwielda San Giljan nhar it-22 ta' Dicembru 1972, detentur tal-karta ta' l-identia bin-numru 7073M u residenti gewwa 16, Cobblestones, Triq Arturo Bonndi , Swatar**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata li giet akkuzata talli nhar l-20 ta' April, 2013, ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar (16:00hrs), ikkommettiet serq minn gewwa l-hanut Agenda Bookshop li jinsab fi Triq Santa Lucija, Valletta, ghad-dannu tas-sidien u diretturi tal-istess hanut, u liema serq huwa aggravate bil-valur li

jaqbez mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37)

U aktar talli rrendiet ruhha ricediva ai termini tal-artikoli 49, 40 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabet hatja b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputata l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi hija recidiva.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267, 279(a), 49 u 50) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannah ghal perjodu ta' disa' (9) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------